MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 67/2007

**Kawża Nru: 26**

**Rikors Ġuramentat Nru: 67/07 JA.**

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta’ Frar, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi l-kontendenti kienu ngħaqdu fiż-żwieġ nhar is-6 ta' Frar tas-sena 1999 skond ma kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ hawn mehmuż markat Dok. A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-istess kontendenti kienu sseparaw legalment minn
ma' xulxin in forza ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Marco Farrugia datat 2 ta' Frar tas-sena elfejn u sitta, kopja ta' liema qed jiġi hawn anness markat Dok. B, u dana wara li kienu ilhom separati *de facto* minn ma' xulxin għal madwar ħames snin sħaħ;

4. Illi għalhekk kif jirriżulta mill-premess, il-kontendenti għamlu biss xi sena jgħixu ma' xulxin taħt l-istess saqaf;

5. Illi difatti għalkemm kienu jgħixu taħt l-istess saqaf għal xi sena waħda biss, il-kontendenti qatt ma għexu flimkien bħala konjuġi miżżewġa u *cioe'* qatt ma għexu ħajja matrimonjali flimkien;

6. Illi fil-fatt il-kontendenti kienu jgħixu ħajja separata minn ma' xulxin mill-bidu nett taż-żwieġ – kull parti kellha x-xogħol tagħha u l-karriera tagħha. Kull parti kienet tixtri l-bżonnijiet għall-ħajja ta' kuljum għalih jew għaliha nfisha biss u kull meta ġew kostretti joħorġu xi spiża komuni bħal per eżempju l-kontijiet tas-servizzi li jarredaw id-dar, il-parti l-oħra kellha tirrifondi lill-parti l-oħra nofs l-ispiża li tkun nefqet – anke l-kontijiet bankarji kienu kulħadd għalih u għaliha;

7. Illi wara ftit taż-żmien taż-żwieġ, il-konvenut kien joħroġ dejjem għal rasu ma' ħbiebu u kien jirritorna d-dar f'xi l-erbgħa u l-ħamsa ta' fil-għodu u kien jirrifjuta jagħti sodisfazzjoni lill-attriċi martu fejn jew ma' min kien ikun. Darba minnhom sabet anke messaġġi minn mara ndirizzati lil żewġha fuq il-*mobile* tiegħu tgħidlu kemm tħobbu u kemm xtaqet li uliedha kienu minn tiegħu. Kien jgħidilha tindaħalx u jekk trid setgħet tagħmel l-istess

bħalu. Fil-fatt il-ħruġ flimkien inqata' għal kollox wara biss ftit tax-xhur. L-atteġġjament tal-konvenut żewġha kien mill-bidu nett ta' wieħed ġuvni mingħajr ebda sens ta' responsabbilta' ta' xejn. Kemm damu taħt l-istess saqaf qatt ma refa' l-piż jew assuma responsabbilta' ta' raġel miżżewweġ u maż-żmien beda jsir insapportabbli;

8. Illi l-bużżieqa nfaqgħet għal kollox u l-attriċi ma felħitux aktar u telqet 'il barra mid-dar konjugali meta sabet li huwa kellu relazzjoni ntima mal-mara taz-ziju tagħha. Saħansitra z-ziju ta' l-attriċi kien mar l-Għassa tal-Pulizija jagħmel rapport kontra l-konvenut sabiex ma jersaqx lejn martu, lejn daru u lejn il-familja tiegħu;

9. Illi jingħad *inoltre* li mill-bidu nett taż-żwieġ il-kontendenti kienu ftehmu li jkollhom żwieġ mingħajr tfal u fil-fatt kull meta kellhom x'jaqsmu ma' xulxin, fl-ewwel ftit xhur taż-żwieġ, huma dejjem għamlu l-att taż-żwieġ bil-ħsieb li ma jkollhomx fal u kwindi dejjem kienu jieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji. Wara ftit tax-xhur l-att konjugali waqaf ħesrem għal kollox u l-kontendenti kienu jittrattaw lil xulxin bħal żewġ barranin taħt l-istess saqaf;

10. U illi għalhekk il-kunsens taż-żewġ partijiet jew min minnhom fil-mument taż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u dana *ai termini* ta' l-Artikoli 19 (1) (d) Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. U illi *inoltre* l-kunsens taż-żewġ kontendenti jew min minnhom kien fil-mument taż-żwieġ ivvizzjat *stante* li nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ u dana *ai termini* ta' l-Artikolu 19 (1) (f) Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. U illi għalhekk iż-żwieġ ikkontrattat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Frar, 1999 huwa null u bla ebda effett fil-liġi;

Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ ikkontrattat mill-
kontendenti fis-6 ta' Frar, 1999 huwa null u bla ebda effett legali u tagħti dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa li jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa qed jiġi nġunt personalment biex jidher għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fil-5 ta' Ottubru, 2007 li permezz tagħha l-konvenut espona bir-rispett u ħalef:

1. Illi filwaqt li l-esponent ukoll jifhem li hemm lok għad-dikjarazzjoni tan-nullita' taż-żwieġ bejn il-partijiet, isostni pero' li r-raġunijiet li jistgħu jwasslu skond il-liġi għal tali dikjarazzjoni huma attribwibbli lill-attriċi. Il-komportament għal kollox anomalu tagħha neħħa kull possibbilta' kwalsiasi li l-koppja tgħix ħajja matrimonjali vera.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attriċi, ta' Carmen Muscat, ta' Raymond Muscat, u tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Diċembru, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1999 a bażi ta' l-Artiklu 19 (1) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut qabel ma' l-attriċi iżda għal raġunijiet differenti minn dawk proposti minnha.

Naturalment pero' kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – kunsens vizzjat bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża <u>Joseph Zammit vs Bernardette Zammit</u> (27 ta' Jannar, 2006);

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u*

*cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Waħda mill-kawżali ta' l-attur hija n-nuqqas ta' diskrezzjoni. Kif qalet il-Qorti fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995); "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awwissu, 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

Mid-deposizzjonijiet *in toto* għall-Qorti jirriżulta li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat kif indikat f'dawn is-sentenzi. Dan għaliex fil-mument tal-kunsens ċertament il-partijiet ma kinux f'pożizzjoni li jkollhom kunsens format u informat biżżejjed. Aktar minn hekk fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Anna Galea vs John Walsh deċiża fit-30 ta' Marzu, 1994 il-partijiet iddeċidew tista' tgħid mill-bidu taż-żwieġ li ma jkollhomx tfal. Dan minnu nnifsu jagħti lok għall-annullament kif spjegat maġistralment dik is-sentenza.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Frar, 1999. Spejjeż ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------